MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Numru. 535/2008

Il-Pulizija
[Spettur Joseph Mercieca]

Vs

Keith Cremona u
Marlon Zarb

**Kumpilazzjoni Numru: 535/2008**

Illum 28 ta' Ottubru 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Keith Cremona, ta’ 20 sena, iben Francis u Therese nee’ Attard, imwieled Pieta’, fit-23 ta’ Novembru, 1987, u li joqghod nru. 171, Flat 2, Triq San Duminku, Valletta, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 530687 (M),

U

Marlon Zarb, ta’ 19 il sena, iben Robert u Marcellina, nee’ Portelli, imwieled Pieta’, fit-23 ta’ Ottubru, 1988 u li joqghod nru. 43, Anne Court, Flat 4, Triq Nazju Ellul, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 486288(M).

1. Talli fil-21 ta’ Novembru, 2007, ghall-habta tas-6:20p.m, gewwa banka tal-lottu numru 33 (agency No.102041) fi Pjazza tal-Lunzjata, Sliema ikkomettew serq ta’ flus, mobile phone tal-marka Motorola u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija, u disa u ghoxrin Euro u seba’ u tletin centezmu (€2329.37) ekwivalenti ghal elf lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta’ Girolama Bonnici u/jew persuni ohra;
2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Girolama Bonnici kontra l-volonta’ taghha;
3. Aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
4. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammew f’xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond xi arma tan-nar,, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att dwar l-Armi) minghajr ma kellhom licenzja taht l-istess Att.

Lill-Keith Cremona wahdu akkuzat talli:

5. talli fil-21 ta' Novembru, 2007, ghall-habta tad-9:00pm, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana halef il-falz quddiem ufficjal (Dr.Anthony Cutajar LL.D) li kellu s-setgha b'ligi li jaghti gurament;
6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi w/jew wara l-istess data u hin, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
7. Fl-ahhar nett, akkuzat wkoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gia' gie misjub hati permezz ta' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma setghux jigu mibdula.
8. Akkuzat ukoll talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza datata 7 ta' Dicembru, 2006 fejn l-istess Keith Cremona kien misjub hati ta' reat ta' ricettazzjoni u kien gie liberat bil-kundizzjonijiet li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti:

1. L-imputat Keith Cremona skond l-artikoli:
a) 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 267, 275, 277(b), 278, 279(a), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 5(1), 51(2), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijietg ta' Malta;
d) 108(a), 109, 110(2), 249(2) u 249(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. L-imputat Marlon Zarb skond l-artikoli:
a) 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 267, 275, 277(b), 278, 279(a), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 5(1), 51(2), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijietg ta' Malta;
d) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti processwali nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitrattat hold up li kien sehh fil-21 ta' Novembru 2007 f'banka tal-lottu fi Pjazza l-Lunzjata Sliema.

Illi dak in-nhar ghall-habta tas-6.15pm Girolama Bonnici kienet fil-banka tal-lotto imsemmija meta dahal persuna b'wiccu mghammad ippuntalha arma tan-nar f'wiccha u minghajr kliem hataf il-handbag li kellha fuq mejda u telaq jigri 'l barra; malli huwa telaq Bonnici bdiet twerzaq u tghajjat. Il-banka tal-lottu in kwistjoni tifforma parti mill-Kazin tal-Banda Stella Maris. Dak il-hin fil-Kazin kien hemm certu Robert Cuschieri. Malli dan sema' lil Bonnici twerzaq hareg jigri fil-pjazza u sema lil Bonnici tghid li kienu serquha u li min kien telaq jigri lejn Triq San Vincenz. Cuschieri gera f'dik id-direzzjoni wara tnejn min-nies; wiehed minnhom f'idejh kellu handbag u arma tan-nar. Cuschieri qal ukoll li hu semaghhom jghidu "ejja startja ghax jiehdu n-numru"; rahom diehlin f'vettura b'numru ta'registrazzjoni FAS 463, wiehed fis-seat tal-passiggier quddiem u l-iehor fuq wara u telqu 'l hemm.

Illi skond ir-rapport ta'l-espert nominat (Dr Anthony Cutajar) il-basket li insteraq kien jiswa circa Lm20.00; fih kien hemm mobile phone Motorola li jiswa circa Lm40.00, portmoni li jiswa circa Lm15.00, Lm20.00 fi flus kontanti, biljetti tal-lotterija Super 5 li kienet xtrat l-istess Bonnici; kien hemm ukoll xi credit cards u dokumenti personali ta' Bonnici. Bonnici ma qalitx kemm kellha biljetti tal-Lotterija u konsegwentement ma jistax jigi stabbilit il-valur taghhom. Dan ifisser li b'kollox l-oggetti li nsterqu ma

kienux jeccedu l-Lm100 i.e. mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94).

Illi mill-provi jirrizulta li ghalkemm il-vettura FAS 463 hija registrata fuq certu Saviour Attard (li joqghod il-Belt u jigi n-nannu ta'l-imputat Keith Cremona) kienet ilha xi ftit xhur fil-pussess ta' l-imputat Keith Cremona li kien jghix man-nanna tieghu f'Hal-Qormi.

Illi fil-22 ta' Novembru 2007 l-espert Dr Anthony Cutajar, wara d-debita twissija skond il-Ligi, ha d-depozizzjoni ta' Keith Cremona. Dan b'gurament, wara li gie ssuggeriet lilu li kien qal lil pulizija li xi hadd kien seraqlu l-karozza, irrakkonta li meta staqsewh fejna l-vettura in kwistjoni hu qallhom "qeghda isfel". Cremona kompla jirrakkonta lill-espert li nizlu isfel u ma sabux il-karozza hemmhekk. Dan ir-rakkont huwa korroborat mid-depozizzjoni ta' PS729 Kevin Decelis li fid-depozizzjoni tieghu[1] jghid li hu u l-kollega tieghu staqsew lil Cremona fejn kienet il-vettura hu qallhom li kienet ipparkjata barra niezlu flimkien biex ifittxu l-vettura flimkien u meta hargu Cremona qallhom li kienet ipparkjata hemm u issa ma kenitx hemmhekk.

Illim pero f'l-istess depozizzjoni Cremona qal li huwa l-vettura ihalliha ipparkjata hdejn id-dar (fis-sens li ma juzahiex); meta gie konfrontat b'l-informazzjoni li l-vettura kienet dahlet l-Belt darbtejn il-gurnata ta' qabel huwa ma ta l-ebda spjega ghal dan il-fatt u ma bidielx il-verzjoni tieghu dwar il-fatt li huwa l-vettura ma juzahiex.

Illi f' tnejn mill-istqarrijiet li rrilaxxja Cremona huwa jallega ma'l-Ispettur Mercieca li l-vettura in kwsitjoni nsterqet[2].

Illi din il-vettura instabet mill-pulizija nhar l-24 ta' Novembru 2007 fil-Wied ta' Hal Qormi. Skond ir-rapport ta'l-espert Joseph Zammit din l-vettura kellha l-hgiega tan-naha tax-xufier mkissra pero skond l-istess espert dan il-ksur ma kienx rizultat ta' xi tentattiv ta' sgass fil-fatt fil-

[1] Ref depozizzjoni a fol 192
[2] Ref stqarrija Dok JM5 a fol 125 et seq u stqarrija Dok JM6 a fol 129 et seq.

vettura, li kienet fi stat funzjonanti, u li fiha ma gie notat l-ebda sinjal ta’ sgass.

Illi jirrizulta ukoll li fil-21 ta’ Novembru 2007 l-vettura intuzat, tant li dahlet u harget mill-Belt darbtejn; darba fil-ghodu u darba fil-ghaxija ftit hin wara l-hold-up. Din l-informazzjoni giet konfermata minn ufficjal tas-CVA Technology Ltd. Jidher ukoll li f’din il-gurnata (il-21 ta’ Novembru 2007) l-uzu tal-vettura in kwistjoni segwa l-istess *pattern* ta’ uzu tal-granet ta’ qabel

Illi wahda mix-xhieda prodotti kienet Doris Cachia, in-nanna ta’ Keith Cremona. Ta’ min wiehed jirrileva immedjatament li din ix-xhud ma kienitx kredibbli. Mhux biss minn dak li qalet, imma anke mill-komportament taghha, huwa car li Cachia ghazlet li tixhed biex tghid dak li riedet hi u cioe biex tipprova taghti verzjoni skoretta tal-movimenti ta’ Keith Cremona fil-gurnata in kwistjoni u b’mod partikolari fil-hin tal-hold up in ezami.

Illi l-prosekuzzjoni ressqu provi ohra li jirrigwardaw mobile phone Motorola li ghal xi zmien kien fil-pussess ta’ Carmelo Camilleri; l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hija li dan huwa l-mobile li nsteraq minghand Girolama Bonnici, u nbiegh lil Camilleri minghand l-imputati.

Illi l-imsemmi Carmelo Camilleri xehed u kkonferma li huwa xtara mobile phone Motorola minghand l-imputat Marlon Zarb meta prezenti kien hemm ukoll l-imputat l-iehor Keith Cremona. Hu ma ftakarx in-numru tal-mobile.

Illi ngabet prova dokumentari, konfermata b’gurament mir-rapprezentanti tas-socjeta Vodafone Malta Limited, li mobile phone partikolari u li kellu IMEI number 353002012649570 kien qed tintuza b’sim card numru 99276912 sal-21 ta’ Novembru 2007 u li mit-23 ta’ Novembru 2007 sat-28 ta’ Novembru 2007 kien qed jintuza b’SIM card numru 99274097. Il-prosekuzzjoni fil-fatt qed tallega li n-numru 99276912 kien in-numru uzat minn Girolama Bonnici fil-mobile li nsterqielha u n-numru 9276912 huwa in-numru li ntuza minn Carmelo Camilleri fuq l-istess mobile li nsteraq lil Bonnici.

Illi ghalkemm Carmelo Camilleri ma ftakarx x’ numru kien qed juza fil-mobile li xtara minghand Zarb, mid-depozizzjoni ta’ Geralda Camilleri (bint l-istess Carmelo Camilleri) u ta’ Jason Sammut, kif ukoll min xi fatti li jirrizultaw mill-isqarrijiet rilaxxjati minn Marlon Zarb din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li n-numru 99274097 huwa n-numru uzat minn Carmelo Camilleri fil-mobile li huwa xtara minghand Marlon Zarb.

Illi l-istess pero ma jistax jinghad dwar in-numru 99276912. L-unika referenza li hemm ghall-appartenenza ta’ dan in-numru hija fid-depozizzjoni ta’ l-Ispettur Mercieca. Huwa fil-fatt jghid li wiehed mill-oggetti li insteraq lil Bonnici kien Motorola li kellu numru 99279621; huwa ma qalx minn tah l-informazzjoni dwar dan in-numru jew x’investigazzjonijiet ghamel biex wasal ghal din il-konkluzzjoni. In-numru jirrizulta ukoll fid-deskrizzjoni tal-mobile misruq kif imnizzla f’l-okkorrenza dwar il-hold-up[3]. M’hemm l-ebda konferma da parti ta’ Girolama Bonnici li dak kien in-numru taghha jew almenu konferma ta’ xi ufficjal tal-Vodafone f’isem min kien registrat dak in-numru. F’nuqqas ta’ din il-prova jew ta’ xi prova ohra li b’xi mod torbot dan in-numru 99276912 mal-mobile misruq lil Girolama Bonnici il-Qorti ma’ tistax tikkunsidra bhala pruvata l-allegazzjoni li l-mobile li nbiegh lil Camilleri huwa l-mobile li nsteraq lil Bonnici.

Ikkunsidrat

Illi ta’ min wiehed jirrileva li fis-sottomissjonijet maghmula ghall-imputat Marlon Zarb qed jintqal li r-relazzjoni ta’ l-espert Dr Anthony Cutajar hija inammissibbli in kwantu in vjolazzjoni ta’ dak predispost f’l-artikolu 548 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u li ladarba Girolama Bonnici u Robert Cuschieri xehdu biss quddiem dan l-espert id-depozizzjoni taghhom ghandha tigi skartata.

Illi fil-kuntest ta’ din is-sottomissjoni l-Qorti taghmel referenza ghall-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fit-30 ta’

[3] Ref Dok VF1 a fol 181 et seq tal-process.

Gunju 2008[4] meta wara li gie prezentat l-proces verbal relattiv, "bi qbil bejn il-partijiet" il-Qorti kkonfermat in-nomina ta'l-esperti imsemmija f'l-inkjesta. In oltre f'dak l-istess verbal d-difieza ezentat lill-prosekuzzjoni milli jergghu jressqu bhala xhieda lill-persuni li taw id-depozizzjoni taghhom fil-proces verbal.

Illi d-difieza ma tistax l-ewwel taqbel li l-esperti ghandhom jigu konfermati fin-nomina taghhom u sahansitra tezenta lill-prosekuzzjoni mis-smiegh mill-gdid tax-xhieda li taw d-depozizzjoni taghhom fil-kors ta'l-inkjesta u mbaghad tqajjem l-inamissibilita tar-relazzjoni u l-provi hemm migbura.Din il-Qorti fil-fatt tikkunsidra din ir-relazzjoni u l-provi migbura waqt li l-imsemmi espert kien qed jezonera l-inkarigu mghoti lillu mill-Magistrat Inkwirenti bhal ammissibbli.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijet migjuba kontra Keith Cremona huma dawk ta' serq aggravat bil-vjolenza in kwantu li prezenta ruhu armat, bil-mezz u valur; sekwestru ta' persuna; li minghajr licenzja tal-pulizija kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fit-tieni skeda tal-Kap 480 u li waqt li kien qed jaghmel reat ta' serq kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar jew imitazzjoni taghha; li halef il-falz quddiem l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti u li ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, jew b'qerq holoq tracci ta' reat, u li hedded permezz tal-karta miktuba u li ma dan it-theddied kien hemm ordni u kundizzjoni; li kkommetta reat fil-perjodu ta' liberta kondizzjonata; u li huwa recidiv.

Illi m'hemm l-ebda dubbju li fil-21 ta' Novembru 2007 twettaq serq, li min wettaq is-serq kien armat, kellu wiccu mghammad u seraq oggetti li pero l-valur taghom ma jeccediex mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94). M'hemm l-edba dubbju ukoll li dan is-serq kien akkompanjat mis-sekwestru ta' Girolama Bonnici.

[4] A fol 90/91 tal-process.

Illi mill-atti jirrizulta li hadd ma identifika lil Keith Cremona bhala wiehed mill-persuni li wettqu il-hold up in kwistjoni; jirrizulta pero li l-persuni li wettqu l-hold up harbu minn fuq il-post fil-vettura li, ghalkemm registrata f'isem Saviour Attard, kienet tintuza minn Keith Cremona.

Illi din il-vettura ftit tal-hin wara l-hold up dahlet u harget mill-Belt (fejn jghix in-nannu ta' Cremona u fejn huwa jmur jiffirma f'l-ghassa tal-Pulizija) f'temp ta' ghaxar minuti; sussegwentement instabet f'Hal Qormi, cioe f'l-istess rahal fejn kien qed jghix dak iz-zmien Keith Cremona.

Illi kif fuq indikat meta l-pulizija marru ghand Cremona u saqsewh dwar il-vettura huwa qallhom li kien ihalliha ipparkjata hdejn id-dar pero ma qalx meta l-ahhar li raha. Eventwalment huwa allega ma'l-Ispettur Mercieca, waqt li kien qed jirillaxxja t-tieni u t-tielet stqarrijiet tieghu, li l-vettura kienet insterqet. Huwa dejjem qaghad lura milli jghid x'hin l-ahhar li ra l-vettura ipparkjata hdejn id-dar tieghu kien biss fit-tielet stqarrija rilaxxjata fil-21 ta' Gunju 2008 li allega li l-ahhar li kien ra l-vettura kien dak in-nhar tal-hold up ghal habta tas-2.30pm.

Illi kif gie ritenut mill-Qrati taghna, fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta' l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lill' hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta'l-imputat[5].

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti, u anke tenut kont ta'l-inkonsistenzi f'dak kollu li qal Keith Cremona meta huwa ghazel li jwiegeb mistoqsijiet li sarulu sia mill-espert nominat f'l-inkjesta u sia mill-Ispettur Mercieca, l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li Keith Cremona kien wiehed mill-persuni li wettaq is-serq in kwistjoni.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafu (a) u (b) tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali

[5] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002)

huma pruvati hlif ghall-aggravju tal-valur ghar-reat tas-serq.

Illi, dwar il-paragrafu (c) ta'l-istess nota, jirrizulta li min dahal fil-banka tal-lottu kellu arma tan-nar f'idejh pero ma giex stabbilit x'tip ta' arma tan-nar kienet. Ai termini tas-subartikolu 1 ta'l-artiklu 5 tal-Kapitolu 480 *hadd m' ghandu jzomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew igorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon* ***elenkati fl-Iskeda II*** *minghajr ma jkollu licenza taht dan l-Att*.

Illi pero din il-Qorti ma naghtat l-ebda informazzjoni dwar din l-arma u ma giex stabbiliet jekk hiex wahda minn dawk elenkati fit-tieni skeda tal-Kapitolu 480. Ghalhekk ir-reat kontemplat f'l-artikolu hawn fuq imsemmi ma rrizultax pruvat. L-istess ma jistax jinghad ghar-reat kontemplat taht l-artikolu 55 ta'l-itess Kap 480  ghaliex jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Girolama Bonnici u Richard Cuschieri li waqt it-twettieq tas-serqa kien  hemm arma ta' n-nar.

Illi dwar il-paragrafu (d) tan-nota ta'l-Avukat Generali, ghar-ragunjiet aktar 'l fuq indikati l-Qorti hija sodisfatta li l-vettura FAS 463 ma kenitx insterqet u kien l-istess Keith Cremona li kien halliha fil-Wied tal-Mosta; li meta huwa allega ma'l-Ispettur Mercieca li l-vettura kienet insterqet huwa kien jaf li dan mhux minnu; u li b'gurament qal lill-espert nominat mill-Qorti li huwa kien ihalli l-karrozza ipparkjata hdejn id-dar meta kien qed juza l-vettura regolarment. Konsegwentement ir-reati kontemplati taht l-artikoli 108(a) u 110(2) tal- Kapitolu 9 jirrizultaw pruvati.

Illi dwar it-theddied kontemplat f'l-artikolu 249 ta'l-istess Kap 9 ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta' theddied bil-forma miktuba jew bil-kliem ghalhekk ir-reati kontemplati f'dawn l-artikolu ma gewx pruvati.

Illi dwar il-paragrafu (e) tan-nota ta' l-Avukat Generali, jirrizulta li fis-7 ta' Dicembru 2006 Keith Cremona kien instab hati ta' ricettazzjoni u gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Ir-reati mertu ta' dawn il-proceduri gew kommessi fil-21 ta' Novembru 2007

cioe entro is-sena imposta bis-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2006 u ghalhekk jirrizulta ampjament li Cremona kiser il-kundizzjoni imposta fuqu. Ma jirrizultax mis-sentenza esebieta lil Cremona tpogga taht probation ghalhekk huwa ma jistax jinstab hati li kiser id-dispozizzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 imma dak predispost f'l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446.

Illi dwar il-paragrafu (f) tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju u cioe l-addebietu tar-recidieva l-unika prova li tista' tittiehed in konsiderazzjoni hija s-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2006 fuq imsemmija (ghaliex ma gewx prezentati sentenzi ohrajn li naghtaw fil-konfront ta' Cremona) pero din is-sentenza ma tikkostitwiex kundanna tant li fil-konfront ta'l-imputat kien gie applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Konsegwentement din l-ahhar imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marlon Zarb huma dawk ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur; sekwestru ta' persuna; li minghajr licenzja tal-pulizija kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fit-tieni skeda tal-Kap 480 u li waqt li kien qed jaghmel reat ta' serq kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar jew imitazzjoni taghha.

Illi lil Zarb hadd ma gharfu bhala wiehed mill-persuni li wettaq id-delitti in ezami.

Illi l-unika konnessjoni li l-prosekuzzjoni tallega li hemm bejn l-imputat Marlon Zarb u dawn id-delitti huwa l-mobile phone li nbiegh minnu lil Carmelo Camilleri fil-prezenza ta' Keith Cremona. Pero kif spjegat aktar 'l fuq il-Qorti ma tistax tistrih fuq din il-konnessjoni stante li m'hemm l-ebda prova li dak il-mobile phone fil-fatt kien dak uzat minn Girolama Bonnici.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi u f'nuqqas ta' xi provi indizjarji ohra li setghu wasslu lil Qorti ghall-konvinciment 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli mir-reita ta' l-imputat Zarb l-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ma gewx sodisfacjentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lil Marlon Zarb hati ta’l-imputazzjonjiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, u fil-waqt li ma ssibx lil-imputat Keith Cremona hati ta’l-imuptazzjonijiet relattivi ghar-reati kontemplati f’l-artikoli 49, 50, 249(1), 249(2), 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u tilliberah minnhom issibu hati tar-reati l-ohra kollha elenkati fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju ta’ l-Avukat Generali u cioe dawk kontemplati f’l-artikoli 86 u 87(1)(e), 108(a), 109, 110(2), 261(a)(b), 262(1)(b), 263(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah sitta u ghoxrin (26) xhar prigunerija u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 qed tapplika fil-konfront ta’l-imputat Keith Cremona l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta’ tmien snin. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat Keith Cremona biex fi zmien sitt xhur ihallas is-somma ta’ Euro 413.30 rapprezentanti nofs l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’l-esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------